VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

It-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 35-35, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

**PREŻENTI:**

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 15A (5):**
nil

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Nil

## 5.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.5.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 4– l- It-Tnejn 23 ta' Settembru 2019 kienu ikkonfermati.

## 5.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.5.1 Is-Sindku Alfed Zammit nforma li ser ikun qed jissospendi l-laqgħa biex jilqgħa lil-President tal-Valletta Waterpolo Club Sur Victor Spiteri u -Segretarju Jean Farrugia. Humwa spegaw is-sitwazzjoni, l— problemi ma' diversi entitajiet biex jinbdew xogħolijiet. Infurmaw li l-istruttura hija perikolanti u ħadd m'għandu jitħol għaliex l-post huwa magħluq u kkunddannat.

5.5.2 **Is-Sindku Alfed Zammit nforma dwar iż-żjara tas-Sindku ta' Palermo. Nforma li kien akkumpanjat mil-Kunsillier Jurgen Briffa. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.**

5.5.5 **Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-kunsill ser jerġgħa jagħti l-injection ta' influenza**. L-Granet ser ikunu Tnejn 4, l-Hamis 7 u is-Sibt 9 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel dwar dan

5.5.5 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa dwar dak li ġara l-ġimgħa preċedenti. Fejn tneħħiet statwa min fuq l-post biex titpogga x'imkien ieħor. Is-Sindku nforma li l-kunsill għandu dejjem ikun infurmat b'dawn l-affarijiet. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.5 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa fl-istess post ser jipproponi li ssir Statwa ta' San Gorg Preċa. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.6 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li kellu diversi laqgħat mal-Periti kif ukoll l-Hon Ministru Owen Bonnici dwar l-proġett tal-bankini. Ser isiru laqgħat anke mal-Planning Authoirty u anke ma LSCH biex min concrete isiru b'zonqor u lava. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.7 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li ntbghatet email lil Valletta Cultural Agency lis-Sur Jason Micallef biex jigu indirizzati l-festeggjamenti ta' Tmien l-ewwel ta' Sena. 2019/2020. Il-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.8 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li l-Valletta Managment Unit ġie xolt u għalhekk ser isejjaħ laqgħa mal-PPS S-Sur Mario Cutajar.

5.5.9 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li kellu laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici fejn iddiskuta l-materja tal-parti l-gdida fejn ser isir l- Valletta Clinic. Ser issir launch ta' dan l-proġett fejn ser jattendu l-Hon Chris Fearne, L-Hon Owen Bonnici u l-Hon Deo Detattista.

5.5.10 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li wara laqgħa li kellu ma' CEO ta' Suq tal-Belt sar qbil li għal Milied ser jingħataw 2 tuktuks lill-Kunsill Lokali. Dawn ser ikunu qed jintużaw għar-resindeti pick up u drop off. L-kunċett ser ikun li dawn iduru mal-Belt biss.

## 5.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

5.5.1 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi staqsa kif għadu ma sarx ix-xogħol fil-ġnien ta' quddies Triq San Mark.

5.5.5 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi nforma li l-ispralli ta' Triq Sant' Ursola gew mizduda wara li sar l-filming tal-Ministeru MJCL fuq is-Sette Guigno.

5.5.5 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi nforma li quddiem l-garages ta Giezu wara li sar l-hasil ta' art wara l-film hemm bzonn refreshing tal-linji kif ukoll hemm hofra li ghandha bzonn tissewwa.

5.5.5 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi informa li quddiem l-garage tal-Giles qed jipparkjawlu nies u mhux qed ikun jista jidhol. Għalhekk ghandhom isiru bollards jew U-Bar biex ma jipqax ikollu ostaklu. L-Kunsill kollu qabel dwar dan.

5.5.5 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi informa li kellu laqgħa ma' Avukat dwar problema li qed jaffaċjaw nies f'akwati residenzjali, kemm tables and chairs u anke l-entertainment fil-Belt Valletta u l-enforcment li għandu jsir.

5.5.6 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi staqsiet jekk irċevietx l-kont ta' attivita' u meta ser tħalsu. Kien ser jitħallas fil-gimgħa li ġejja.

5.5.7 Il-Minority Leader Christian Micallef nforma li bgħadt korrispondenza lil Matthew Carbonaro biex issir l-attivita għall-suċċessi Sportivi Beltin. l-Kunsill kollu qabel dwar dan.

5.5.8 Il-kunsillier Vince Fabri u Mark Spiteri Lucas anke urew ix-xewqa li jsiru lezzjonijiet tal-mużika. l-Kunsill kollu qabel dwar dan.

5.5.9 l-Minority Leader Christian Micallef informa dwar CSR ma kumpaniji biex l-Kunsill ikollu karozzi ta' elettriku.

5.5.10 lL-Kunsillier Jurgen Briffa nforma li ser ikun qed jipproponi l-Monument ta' Papa Piju għandu jiċċaqlaq faċċata tal-Parlament. L-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.11 L-Kunsillier Jurgen Briffa nforma li għandu jsir magazine informattiv dwar dak li jkun qed jagħmel l-Kunsill Lokali flokk leaflet.

5.5.12 L-Kunsillier Jurgen Briffa nforma li ser jipproponi li l-muzewijiet jkunu aċċissibli għar-residenti Beltin. L-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.13 L-Kunsillier Jurgen Briffa nforma li l-kumitat immexxi minnu ser jibda jorganizza lezzjonijiet ta' l-arti. L-Kunsill qabel dwar dan.

5.5.15 L-Kunsillier Lian Pace nforma li wara li attenda għal laqgħa ġewwa Graz, nforma dwar agreement li għandu jigi ffirmat.

## 5.5 Rapporti

## 5.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

5.6.1 Familja li toqgħod ġewwa Strada Stretta nfurmat li ma tistax tgħix bl-istorbju li qed ikun hemm fi Strada Stretta. Nfurmat li għalkemm l-Pulizijia huma nfurmati dawn mhux qed jieħdu azzjoni. Il-Kunsill informa

5.6.5 li ser ikun qed jitkellem mal-Pulizijia dwar dan.

5.6.5 Korrispondenza min għand l-Valletta Cultural Agency biex isiru laqgħat ma' entitajiet Beltin dwar Jum il-Belt. S-Sindku propona li jattendi L-Kunsillier Jurgen Briffa. L-Kunsill qabel dwar dan.

5.6.5

Korrispondenza dwar inizzjattiva ' Ta' Nanna Helu Manna' mil-Segretarjat Parlamentari għal-Anzjani.

5.6.5 Korrispondenza dwar Seminar għal-Leaders. Kontinwament ta' course li attendew is-Segretarju Ezekuttiv u Town Centre Manager.

5.6.6 Korrispondenza dwar MOC Sports Awards.

5.6.7 Korrispondenza dwar l-Awdituri ta' din is-Sena li ser jerggħu ikunu 3a Malta.

## 5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

5.7.1

Is-Segretarju Ezekuttiv nforma dwar tenders li qed jinħargu:

Re-issue Quotation tal-Van

Tenders ta' Soup Kitchen

Tender ta' l-Accountant

Tender ta' Works – Destinations EU project

## 5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

5.8.1

5.8.2

## 5.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsill aġġorna għal-Hamis 7 ta' Novembru 2019 17.00hrs

IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv